MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 553/2000/1

**Josianne Spiteri f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Dayna Spiteri**

**vs**

**Hubert Spiteri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elf, disa' mija u disghin (1990) gie ccelebrat iz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut, liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifla unika Dayna li twieldet fis-sebgha (7) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u wiehed u disghin (1991).

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id--drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-istess;

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-konvenut nkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-ementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi b'mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (c) (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) tal-artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-31 ta' Mejju 1990 huwa null u bla effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (c) (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) tal-artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

(2) Tapplika kontra l-konvenut in *mala fede* l-effetti kontemplati fl-artikolu 20 tal-istess Kap 255 b'mod partikolari s-sub-incizi (3) u (5) tal-istess artikolu 20.

(3) Taghti kull provvediment opportun dwar il-minuri.

Bl-ispejjez – kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process;

Rat il-verbal tat-8 ta’ Novembru 2000.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta’ April 2001.

Rat il-verbal tal-21 ta’ Frar 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-25 ta’ Lulju 2001 a fol 15 fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament in-notifika ta’ l-att tac-citazzjoni m’hijiex valida ghaliex saret fid-dar tal-genituri ta’ l-eccipjent fejn m’ghadux jghix.

2. Illi l-minuri Dayna Spiteri m’ghandhiex *locus standi* f’dawn il-proceduri.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ghalkem hemm lok li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti jigi dikjarat null, dan mhux ghal ragunijiet imputabbli lill-eccipjent.

4. Illi t-talba attrici ghall-hlas ta’ manteniment hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt, u f’kull kaz il-kwistjoni dwar il-manteniment hija regolata mill-kuntratt ta’ separazzjoni datata 21 ta’ Novembru 1996 u ppubblikat min-Nutar Dr Nathalie Pace Asciak.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 16 tal-process;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut a fol 16 u 17 tal-process fejn gie premess:

Illi l-konvenut izzewweg lill-attrici fil-31 ta' Mejju 1990 minn liema zwieg twieldet il-minuri Dayna Spiteri;

Illi l-kunsens tal-attrici ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi l-kunsens tal-attrici kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-Artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-Zwigijiet;

Illi l-istess konvenut ghalhekk talab li l-attrici tghid ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-31 ta' Mejju 1990 huwa null u bla effett fil-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol 18 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut a fol 20 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet dedotti fil-kontro-talba, in kwantu li dawn jimputaw responsabbilta` lill-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

2. Illi ghal kull buon fini l-eccipjenti taghmel referenza ghat-talbiet dedotti fic-citazzjoni taghha.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol 20 u 21 tal-process.

Rat il-verbali tal-20 ta' Settembru 2001 fejn il-Qorti nnominat lill-Perit Legali Dr Edwina Grima biex tigbor il-provi u tirrelata, tal-11 ta' Jannar 2002 u tal-5 t'April 2002.

Rat in-nota tal-konvenut tal-10 ta' Mejju 2002 fejn prezenta l-affidavit tieghu (fol 34 sa 44).

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota tal-attrici tat-22 ta' Lulju 2002 fejn prezentat affidavit addizzjonali taghha stess (fol 48).

Rat il-verbali tat-12 ta' Dicembru 2002 u tas-27 ta' Marzu 2002.

Rat is-seduti kollha mizmuma mill-Perit Legali Dr Edwina Grima, il-provi hemm migbura, x-xhieda hemm moghtija u d-dokumenti hemm esebiti (fol 52 sa 79).

Rat il-verbal tat-28 ta' Mejju 2003 fejn il-Perit Legali Dr Edwina Grima halfet ir-rapport, Dr Lorraine Schembri Orland ghall-attrici rrimettiet ruhha ghar-rapport u nformat lill-Qorti li anke Dr Frank Cassar ghall-konvenut irrimetta ruhu ghar-rapport.  Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2004.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-30 ta' Mejju 2003 u d-digriet tal-Qorti tal-11 ta' Gunju 2003 fejn laqghet it-talba u rrikjamat il-kawza ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

## (A) PROVI

Illi **l-attrici** tixhed u tghid illi hija u l-konvenut izzewwgu fil-31 ta’ Mejju 1990 u li miz-zwieg taghhom huma kellhom tifla Dayna li ghandha 10 snin. Huma izzewwgu meta kellhom ghoxrin sena u dan wara sentejn li kienu ilhom jafu lil xulxin. L-attrici tghid illi l-eghrusija kienet wahda qasira u hija qatt ma kienet ghamlet il-hsieb biex tizzewweg izda sena qabel iz-zwieg, l-konvenut ipproponielha biex jizzewwgu. L-konvenut ma kienx kuntent id-dar ghaliex l-ambjent familjari tieghu ma kienx xi wiehed felici. Kien jiggieled ta’ spiss mal-genituri tieghu. Tghid illi wara iz-zwieg baqa’ hekk u fil-fatt wara li miet missieru kien hemm zmien meta huwa qata’ kull kuntatt ma’ ommu. Huh Abram Spiteri kellu hafna inkwiet mal-Pulizija, kien involut f’xi serq u skond il-konvenut anke kellu problema ta’ droga.

Illi hija tghid illi meta izzewwgu u harget tqila bit-tifla, zewgha kien stqarr maghha illi anke hu qabel iz-zwieg kien jiehu id-droga u kien jittaqqab u beda jibza’ li dan ikun ta’ detriment ghat-tarbija. Kien ukoll qal dan id-diskors lil missier l-attrici. Fil-fatt meta twieldet it-tifla, hija kienet haditha ghand il-*pediatrician* u dan peress illi wara li kienet tibki kienet taqbadha ir-roghda. It-tabib fil-fatt kien staqsieha jekk xi hadd mill-genituri kienx dipendenti fuq id-droga w infurmaha illi it-tarbija tibqa’ b’dawn is-sintomi sakemm taghlaq sitt xhur.

Illi l-attrici tghid illi meta iltaqghet mal-konvenut, hu kien jahdem fil-Korp tal-Pulizija, izda wara xi sena u nofs hareg ghaliex qal li kien idejjaq. Wara ghamilha ta’ bi ruhu li kien bennej, izda lanqas f’dan ix-xoghol ma kellu success. Taf ukoll illi l-konvenut kellu hafna kredituri li sa minn dejjem kienu jigru warajh biex ihallashom.

Illi ghalhekk l-attrici tghid illi hija kellha id-dubbji taghha meta qalilha biex jizzewwgu, izda dejjem ittamat illi huwa kien ser jazzetta. Tghid illi huma setghu jizzewwgu peress illi missierha kien taha id-dar, kellha karozza taghha u kienet tahdem fin-negozju ta’ missierha. L-konvenut ma kellux flus u finanzjarjament kien jiddependi minn

missierha li kien il-hin kollu jselliflu il-flus. Ghalhekk huwa ma kien ippjana xejn qabel iz-zwieg u strah unikament fuqha u fuq missierha. Baqa' l-istess wara z-zwieg, qatt ma kellu flus u ma kienx kapaci jamministra l-flus u kien jissellef minn ghand missierha. Tghid illi darba minnhom kien ivvinta li kien ser jiftah negozju, issellef il-flus minn ghand missierha, izda dan in-negozju qatt ma fethu u l-flus ghosfru.

Illi l-attrici baqghet tissusspetta illi anke wara iz-zwieg il-konvenut baqa' jiehu id-droga u dan peress illi l-karattru tieghu kien jinbidel minn lejl ghal nhar minghajr raguni. Huwa kien iqatta' hafna hin fil-garaxx anke matul il-gurnata. Wara li telaq mid-dar qabel is-separazzjoni hija kienet sabet kuccarini mahruqin fil-garaxx. Gieli anke kienet ixxomm irwejjah fid-dar izda huwa kien ighidilha illi kienet ir-riha tal-*fibreglass*. Huwa kien imur id-dar f'nofs il-gurnata u meta kienet tistaqsieh jekk kellux xoghol, huwa kien jivvinta illi kien qieghed jibni dghajsa jew jahdem xoghol ta' *fibreglass*,  izda meta telaq mid-dar, ma kellu xejn lest minn dan kollu. Darba minnhom kien ukoll qalilha li kien ser jibda' ikabbar il-*mushrooms*, izda din kienet hrafa ohra. Kien jimpressjonaha kemm kien jorqod u ma kellux hinijiet ta' l-irqad. Gieli kien jibqa' id-dar rieqed.

Illi lanqas fil-konfront tat-tifla ma kien jerfa' ir-responsabbiltajiet tieghu. Ma kienx juri interess illi jaraha u jikkuraha, ma kellux hsieb jippjana ghall-futur taghha u qatt ma kien isir diskors f'dan is-sens minnu . Anke rigward manteniment, kieku ma kienx ghall-ghajnuna tal-familja taghha, hi flimkien ma' bintha kienu jispiccaw fil-bzonn. Ghalhekk hija kellha tispicca terga' tibda tahdem u minn fuq huwa kien jitlobha il-flus minflok jikkontribwixxi. Qatt ma hallas kont tad-dar jew taha flus ghal hajja.

Illi sa fejn taf hi, l-konvenut qatt ma kellu xoghol, ghaliex anke meta kien ighid li qed jahdem ta' bennej, ma kienx ibakkar kmieni fil-ghodu ghax-xoghol kif solitu jaghmlu l-benneja, izda kien jibqa' rieqed, imur fil-hin li jidhirlu u ftit wara jerga' jipprezenta ruhu d-dar u jintefa fil-garaxx. Dejjem kien igib xi skuza, jew minhabba ix-xita jew ix-

xemx, tant illi hija spiccat tiddependi ghal kollox fuq il-familja taghha ghall-ghejxien.

Illi l-konvenut kien anke ha self mill-bank li ghalih dahal garanti missierha, izda dan is-self huwa baqa' ma onerahx. Kien jibbluffja u jipprezenta ruhu ta' sinjur, tant illi hadd ma kien jafdah ghaliex kien jidher li ma kienx bniedem genwin.

Illi minhabba il-fatt illi l-konvenut ma refax ir-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewwga, iz-zwieg taghhom tfarrak, tghid l-attrici. Meta it-tifla bdiet tmur l-iskola, lanqas kellu interess jikkontribwixxi ghall-ispejjez edukattivi. Anke dawn thallsu mill-familja taghha. Baqa' ma sabx impieg fiss jew impieg li jista' jirrendi almenu xi haga regolari u lanqas kellu interess li jaghmel dan.

Illi l-attrici tghid illi l-konvenut lanqas ma kien fidil lejha fiz-zwieg. Ghal habta ta' l-1994 hija bdiet tissuspetta illi huwa kellu relazzjoni ma' terza persuna u qabdet investigatur li irraportalha illi rah fil-kumpanija ta' tfajla ta' madwar sbatax-il sena f'hafna postijiet madwar Malta. Meta ikkonfrontatu huwa ammetta. Din it-tfajla kien jisimha Romina Gambin, li kienet impjegata ma' missierha u anke hi kienet ammettiet li kellha relazzjoni ma' zewgha. Kienu jiltaqghu fil-ghaxija meta huwa kien ighidilha li kellu laqgha ma' xi Perit. Qabel din il-persuna, kien hemm xi nies ohra li kienu irrimarkawlha li raw lil zewgha ma' mara ohra b'xagharha qasir.

Illi meta saret taf illi zewgha u Romina kienu ser imorru jabitaw flimkien, ikkonfrontat lill-konvenut, izda huwa innega. Fil-fatt l-ghada stess huwa telaq mid-dar u mar ighix ma' din Romina. Isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-21 ta' Novembru 1996. Tghid illi il-proprjeta` tnizzlet fil-kuntratt bhala parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ghalkemm il-flus kollha gew minn ghand il-familja taghha. Kellha tassumi parti mid-dejn tieghu ukoll u wara s-separazzjoni bdiet tircevi hafna ittri legali minn ghand il-kredituri tieghu. Ftit wara is-separazzjoni, zewgha spicca l-isptar u ghalkemm qalilha li kien sofra attakk tal-qalb, hija saret taf li gie rikoverat minhabba *overdose*.

Rega’ idahhal l-isptar darb’ohra fl-2000. Minkejja l-kuntratt tas-separazzjoni, l-konvenut qatt ma taha manteniment ghat-tifla w ilu ma jaraha ‘il fuq minn tlett snin. L-ahhar darba li raha kien fil-precett taghha. Il-funzjoni kellha tibda fid-9:00a.m. fil-Mellieha. Meta huwa wasal qalilha illi kien ser ikollu jitlaq biex jigbor pakkett mill-ajruport fl-10:00a.m. u meta hija irrimarkatlu illi hekk kien ser jitlef ic-cerimonja, huwa wegibha illi il-pakkett kien importanti ghalih. Hija tghid illi ghadha tiftakar wicc it-tifla hija u tiela’ biex tircevi is-sagrament tfittex lil missierha, izda huwa kien diga telaq. Qabel din l-okkazzjoni tghid illi huwa kien diga qieghed jara lit-tifla sporadikament.

Illi **missier l-attrici, Alfred Vella**, jixhed u ighid illi huwa sar jaf lill-konvenut meta mar jahdem mieghu bhala *waiter*. Dan kien qabel ma beda johrog mat-tifla tieghu. Huwa ma kienx jafdah ghaliex kien jaqbdu ihawwad fid-diskors u ma kien ighoddu bhala bniedem responsabbli. Fost ohrajn kien jarah li ma jistax jara tfajla, specjalment wahda barranija, ghaddejja li ma kienx jipprova jikseb xi *date* maghha. Ghalhekk huwa ma kienx kuntent meta sar jaf illi beda johorg mat-tifla tieghu. Hija kienet qaltlu li l-konvenut ma kellux flus u hennet ghalih.

Illi huwa lanqas jaf lill-familja tieghu. Jaf biss illi ghandu huh u illi kien ghamel xi zmien inqata’ minn ma’ ommu meta hija romlot. Ighid li tant ma kienx kuntent li bintu izzewwget lill-konvenut li anke fil-gurnata tat-tieg, meta huwa ghadda lil bintu lill-konvenut, beda jibki bla razan ghaliex huwa kien jaf li l-konvenut ma kienx bniedem responsabbli. Tant kien agitat, illi tar-ritratti beda jahseb li ser jaghtih xi hass hazin.

Illi huwa kien jarah bhala bniedem li ma kienx responsabbli bizzejjed biex joffri futur ghal bintu u jibni familja. Sahansitra meta kien qieghed jibni id-dar il-gdida tieghu, anke il-haddiema stess li kienu jahdmu fuq il-post kienu ighidulu li ma kenux jafdawh ghaliex kienu jsibu oggetti neqsin wara li kien jersaq hu fuq is-sit. Ighid illi l-konvenut ma kellux flus imfaddla qabel iz-zwieg. Kien igib ruhu ta’ bennej, izda meta inzertah fuq il-post tax-xoghol, li kien rari, huwa ma kien jara l-ebda progress. Per

ezempju, darba kien qieghed jahdem il-Mosta u wara ftit li ghadda minn hemm sab illi kien tella' biss filata xoghol. Qatt ma kien ilesti. Meta kien imur jixtri xi bzonnijiet, kien ighid lil tal-hanut li l-affarijiet kienu ikun ghalih, sabiex meta jmur jixtri hu minn hemm kien jispicca jhallas il-kont tieghu ukoll. Meta huwa kien ighid lil bintu hija ma kenitx tiehu pjacir ghaliex kienet thobbu. Ighid illi bintu kienet tahdem qabel iz-zwieg, izda l-flus li kienet faddlet hadhomlha kollha hu.

Illi Alfred Vella ighid illi huwa kien tahom bhala donazzjoni plot, kif ukoll dar gewwa il-Mellieha biex joqghodu fiha. Il-konvenut ma hareg xejn u bil-kemm ried jaghmel ix-xogholijiet fiha sabiex jirrangaha u kien ikollu jmur hu wara l-hin tax-xoghol biex ighinu. Induna illi ma kienx ser ilahhaq jispicca id-dar qabel iz-zwieg u ghalhekk qabbad xi haddiema u hallas ghalihom hu. Kellu jaghmel dan ghaliex il-konvenut baqa' ma middx idejh ghax-xoghol ghalkemm kien ighidlu li ser jaghmel dan. Missier l-attrici ighid illi l-konvenut ma hallas xejn u ma gab xejn mieghu w illum il-gurnata ighid illi huwa kien qed ihares biss lejn il-flus biex ighix komdu minn fuq daharu.

Illi wara z-zwieg, l-konvenut kien issellef Lm10,000 mill-bank ghaliex qal li ried jixtri xi materjal bhal gebel u ghodod sabiex jahdem ta' bennej. Huwa kien emmnu u ghalhekk dahal garanti permezz tal-kumpanija tieghu Xemxija Holidays Limited, izda huwa spicca ma hallasx id-dejn tieghu u lanqas kien jaghmel il-pagamenti fix-xahar li sa fl-ahhar il-bank thallas mill-flus tieghu li kienu depozitati bhala plegg maghhom. Il-konvenut kien qal li kien xtara xi proprjeta` fuq ismu, izda minn dan kollu ma irrizulta xejn. Kien hemm okkazzjoni ohra fejn kien talbu jiffirmalu karta, izda meta qraha induna li kien qed jitolbu biex jerga' jidhollu garanti u ghalhekk irrifjuta li jaghmel dan.

Illi Alfred Vella ighid illi l-konvenut huwa bniedem ghazzien. Meta kien ighaddi fuq il-post tax-xoghol tieghu kien isibu jew f'xi garaxx ipacpac jew inkella ghand xi mastrudaxxa ipacpac. Gieli kienu javvicinawh xi nies sabiex ikellmuh ghaliex l-konvenut ma jkunx lestilhom xi xogholijiet u igorru li ma kien ser ilestilhom qatt. Ghalhekk

bintu kienet tghix bil-flus li kien ighaddilha hu. Lanqas fit-tifla ma kien jinteressa ruhu. Id-decizjonijiet rigward it-trobbija u l-edukazzjoni taghha kienet tehodhom bintu ghaliex hu ma kienx juri interess. Wara s-separazzjoni hu lanqas baqa’ imur jara lit-tifla u lanqas manteniment ma ighaddilha.

Illi ghalhekk huwa kien irrimarka lil martu qabel is-separazzjoni illi t-tifla kienet ser tikber minghajr missier. Ighid illi l-konvenut kien johrog wahdu w ihalli lill-attrici hin twil wahedha id-dar bit-tifla. Kien igibilha xi skuza u mhux l-ewwel darba li kien qabdu f’xi gidba. Kien anke rah ikellem tfajla, jisimha Romina bil-mohbi. Jafha ghaliex din it-tfajla kienet impjegata tieghu u fil-fatt is-suspetti tieghu kienu fondati ghaliex l-konvenut spicca f’relazzjoni ma’ din it-tfajla. Darba ohra kien mar fuq il-post fejn kien qieghed jahdem u qalulu illi kien qieghed jinnamra gewwa xi garaxx li kien qieghed jinbena.

Illi bintu ghalhekk spiccat imdejjqa hafna u dan ghaliex il-konvenut la kien jaghti kasha u lanqas lit-tifla. Kienet dejjem wahedha u minghajr appogg, rispett jew imhabba minnu. Kienet anke qaltlu li darba refa’ idejh fuqha. Kien anke imbuttaha it-tarag meta kienet tqila u hija kienet telqghet mid-dar u giet tghix id-dar taghhom. Hu ma kienx jaf b’dan ghaliex f’dak il-perijodu kienu imsefrin. Qaltlu ukoll illi darb’ohra kien taha daqqa f’rasha u kienet anke hadet xi X-Rays. It-tobba kienu wissewha biex ma tergax tolqot rasha, izda minkejja dan huwa xorta wahda rega’ taha daqqa ohra f’rasha.

Illi flimkien ma’ l-affidavit tieghu ix-xhud ezebixxa tlett dokumenti – Dokument AV1, kopja ta’ l-iskrizzjoni ipotekarja 13578/91 kontra Hubert Spiteri u Xemxija Holidays Limited; Dokument AV2, kopja ta’ l-iskrizzjoni ipotekarja 13579/91 kontra Hubert Spiteri u Xemxija Holidays Limited; u Dokument AV3 – kopja ta’ ittra datat 17 ta’ Ottubru 1996 minn fejn jirrizulta illi id-dejn tal-konvenut kien thallas mill-flus ta’ missier l-attrici.

Illi **WPC52 Caroline Francalanza** esebiet kopja tal-kondotta tal-konvenut Hubert Spiteri li giet immarkata bhala Dokument CF.

Illi **Edwin Mallia, rapprezentant tal-ETC**, esebixxa l-*employment history* tal-konvenut li gie immarkat bhala Dokument EM. Huwa ighid illi jirrizulta illi illum l-konvenut la huwa impjegat u lanqas qieghed jirregistra. Fil-fatt huwa esebixxa dokument iehor minn fejn irrizulta illi l-konvenut illum ma huwiex qieghed jirregistra li gie immarkat bhala Dokument EM1.

Illi **l-konvenut** xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit u flimkien ma' l-istess affidavit huwa esebixxa kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejn il-partijiet. Izda dan ftit li xejn ghandu rilevanza illum in vista tal-fatt illi l-attrici irtirat it-tieni u it-tielet talbiet taghha.

Illi l-konvenut jikkonferma illi hu u l-attrici izzewwgu fil-31 ta' Mejju 1990. Iltaqa' ma' l-attrici madwar sentejn qabel iz-zwieg. Huwa ighid illi fiz-zoghozija huwa kellu l-problemi mal-familjari tieghu, tant illi meta kellu sittax-il sena, huwa ghamel perijodu ta' zmien ighix wahdu. Ta' hdax-il sena huwa diga' kien telaq mill-iskola u beda jahdem. Huwa kiber wahdu minghajr l-ghajnuna tal-familja tieghu. Ighid illi huma kienu tlettax-il ahwa u ghalhekk kulhadd kellu jfendi ghal rasu.  Meta hu beda johrog ma' l-attrici, huma kienu ikunu ta' spiss ghand il-familja taghha. Il-genituri taghha kienu jitrattawh tajjeb ferm tant illi kien iqieshom bhala l-familja tieghu. Omm l-attrici fil-fatt spiss kient isajjarlu.

Illi madwar sena wara li bdew johorgu flimkien, huwa kien ippropona lill-attrici sabiex jizzewwgu. Dan ghamlu peress illi kien qieghed isibha difficli li jibqa' jghix ghal rasu. Missier l-attrici kien offrielhom li jghixu f'dar proprjeta tieghu u ghalhekk huwa kellu mohhu mistrieh mis-*security* li inghatatlu mill-familja ta' l-attrici u din ma riedx jitlifha. Huwa ighid illi l-post li kien offrilhom kien wiehed zdingat u ghalhekk meta huwa kien jispicca mix-xoghol kien jibqa' sejjer il-post u jirrangah huwa stess. Ighid illi huwa kien ghamel il-post abitabbli mill-gdid.

Illi huwa jichad madankollu illi kienu ighixu mill-karita tal-familja ta' l-attrici u jichad illi l-familja ta' l-attrici qatt ghaddewlu xi flus. Huwa ighid illi huma kienu ghenuh biss fil-*loan* u fl-*overdraft* mal-bank.

Illi ighid illi qabel iz-zwieg huwa kellu *plot* gewwa l-Mosta, li kien xtrah mill-qliegh li kien ghamel mix-xoghol. Wara iz-zwieg huwa kien telaq mill-Korp tal-Pulizija u bena il-*plot* f'zewg garaxxijiet u bieghhom. Lil martu huwa kien ghaddhielha l-ewwel Lm2,000 li kien ha bhala depozitu minn ghand Carmel Sammut u dan sabiex tixtri l-affarijiet ghad-dar.

Illi l-konvenut ighid illi l-problemi bejnu u bejn martu bdew meta twieldet it-tifla u cioe` madwar sena wara iz-zwieg. L-attrici bdiet iddum id-dar ghand il-familja taghha tant illi kull darba li kien jirritorna d-dar kien isib id-dar vojta. Josianne kienet ittraskuratu kompletament u hu spicca qiesu minghajr mara. Huwa ghalhekk kien imdejjaq peress illi kien dejjem wahdu u qiesu kien rega' irritorna ghaz-zmien meta kien guvni. Josianne u it-tarbija kienu imorru jorqdu id-dar tard bil-lejl. Anke fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom ighid illi martu kienet bierda. Meta kien ikollhom x'jaqsmu flimkien kien ihoss illi hija qieghda taghmel dan bi sforz. Huma spiccaw qieshom barranin qeghdin ighixu taht l-istess saqaf. Huwa baqa' jissaporti ghal zmien twil u kien anke talab l-intervent ta' hu l-attrici, Victor. Victor kien qallu li kienu kellmuha kemm-il darba, izda hija ma reditx taf.

Illi jirrakonta episodju meta huma kienu marru btala gewwa Citta del Mare, flimkien mal-genituri ta' l-attrici u mat-tifla u fl-ewwel lejl li kienu waslu, ighid illi kien cemplilha Taljan fil-kamra. Meta staqsa ghaliha huwa kien qataghlu l-linja. Meta huwa qal lill-genituri taghha l-ghada u lil Anna, l-gwida ta' Tim Travel, omm Josianne kienet haditu bic-cajt u ghalhekk irrealizza illi Josianne ma kenitx qed tqiesu aktar bhala zewgha u l-genituri taghha ma kenux ghadhom qed jirrispettawh kif kienu qabel.

Illi ghalhekk wara xi zmien huwa iddecieda li jitlaq mid-dar. Wara li telaq l-attrici bdiet tohloqlu l-problemi kbar biex jara it-tifla. Ighid illi l-attrici kienet ukoll ghamlet ghadd ta' rapporti foloz fl-Ghassa tal-Pulizija. Ghalhekk kontra qalbu huwa inqata' minn ma' bintu. Wara li bdew il-proceduri ghal separazzjoni, huwa sar jaf illi martu kienet harget ma' ghadd ta' Taljani u ma' turisti li kienu jkunu klijenti tas-Seabank Hotel fejn kienet tahdem. Sussegwentement huma iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni fejn fthiemu illi ma ighaddux manteniment lil xulxin.

Illi **l-attrici** hejjiet affidavit responsiv ghax-xhieda tal-konvenut. Hija tghid illi meta izzewwgu l-konvenut ma kellux flus imfaddlin u kien ghalhekk illi missierha kien offrilhom post fejn ighixu. Dan il-post ma kienx qed jigi abitat izda l-konvenut lanqas kien lest jidhol ghal xi self biex jakkwistaw post ahjar. Rigward il-*plot* illi huwa semma fix-xhieda tieghu, hija tichad illi huwa qatt ghaddhielha xi flus u zgur li ma tahiex l-ebda somma mir-rikavat taghhom. Hija tkompli tghid illi l-problemi bdew bejniethom peress illi zewgha beda johrog ghal rasu. Kien ihallieha wahedha bit-tarbija u kien ghalhekk illi hija kienet tmur ghand il-genituri taghha sabiex ma tibqax wahedha d-dar. Meta it-tifla kellha sentejn hija bdiet tinduna illi huwa kellu wicc haddiehor.

Illi l-attrici tichad illi l-konvenut kien talab l-intervent ta' huha Victor u dan ghaliex hu kien kuntent ighix ghal rasu minghajr ma jassumi ebda responsabbilta` bhala zewgha u bhala missier ta' familja. Kien iktar ikun barra mid-dar u ma kenitx tkun taf fejn qieghed meta kienet tigi bzonnu.

Illi rigward is-safra lejn Citta del Mare, hija tghid illi it-tifla kienet ma tiflahx u hu baqa' rieqed lejl shih minghajr lanqas biss kien jaf b'dan. Hija tichad li kienet iltaqghet ma' xi ragel iehor f'din il-vakanza u kienet mal-genituri taghha. It-tifla hawn kellha sena biss u zewgha telaq mid-dar meta hija ghalqet hames snin u gja sena qabel huwa kellu relazzjonijiet ma' terzi. Tghid illi huwa qatt ma taha manteniment ghat-tifla u qatt ma interessa ruhu fiha. Jekk qata' minn ma' bintu dan gara ghaliex din kienet ghazla tieghu.

## (B) LIGI U GURISPRUDENZA

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta illi l-attrici qieghda tibbaza it-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg ghal diversi ragunijiet previsti fl-**artikolu 19(1) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg** u precipwament ghal dak li hemm previst fis-**sub-inicizi (1) (c), (1) (f) u (1) (d)** u cioe` illi l-kunsens ta' l-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-konvenut li tista' mix-xorti taghha tfixxkel serjament il-hajja mizzewwga, illi il-kunsens tal-konvenut kien issimulat u illi l-konvenut ma kellux dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju mehtiega ghall-hajja mizzewwga u ma kienx kapaci jassumi r-responsabbiltajiet taz-zwieg minhabba anomalija psikologika li kien qed ibati minnha.

Illi min-naha tieghu il-konvenut qieghed jibbaza l-kontro-talba tieghu fuq id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 19(1)(d) u/jew (f),** izda dan b'tortijiet imputabbli lill-attrici.

Illi **l-artikolu 19 (1) (d)** jghid illi:

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi minn gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa kuntratt *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita` li jaghtu l-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi ir-rabta taz-zwieg. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu iz-zwieg, allura jinholoq dubbju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu:

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita' intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita' di mente e di liberta' dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita*." (***Forum 1990***. Vol.I. part 1, pg.72)

Illi l-kuncett tad-*discretio judicii* ma jirrikjediex maturita\` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi iz-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe\` ghall-obbligi w id-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita affettiva u cioe\` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u is-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "**Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella**", deciza fis-27 ta' Novembru 2002 (Cit.Nru. 1822/01RCP) gie deciz is-segwenti:

*"Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita\` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. … Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita\` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita\` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg."*

Illi fis-sentenza taghha, l-Qorti tkompli issostni:

*"Illi ghalhekk biex ikun hemm nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita\` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

Illi l-Qorti ser taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994 fejn il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. Fil-fatt fi kwotazzjoni twila tal-***Pompedda*** il-Qorti sostniet:

"*In ogni caso i nubenti debbono avere conoscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della prole*."

Illi l-istess sentenza tidhol fil-fond f'dak li ighid il-***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

"*La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva … La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, dell'emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro*."

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (deciza 14 t'Awissu 1995), il-Prim'Awla tal-Qorti Civili osservat is-segwenti:

"*It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will freedom (autonomia) from all force from within*."

Illi s-**subiniciz (1) (d)** jaghti bazi ohra ghan-nullita` taz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens. L-anomalija psikologika trid tkun wahda serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kif gie ritenut fis-sentenza hawn fuq citata: "*Inkapacita` jew impossibbilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-presenza ta' anomalija psikologika serja indipendentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp psikjatriku jew ta' psikologija tintakka sostanzjalment il-kapacita` 'di intendere e/o di volere'."*

Illi fis-sentenza hawn fuq citata, **"Louise Vella vs Louis Vella"**, fil-fatt il-Qorti tistqarr: *"Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad dritt kanoniku (Can.1095(3)), tirrikjedi mhux semplici diffikulta`, izda impossibbilta` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi finalment ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewwga u cioe` dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokreazzjoni w it-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-

kapacita` kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk ikkreat ma jistax ikun wiehed validu. Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et.noe."** (Cit.Nru. 2443/97RCP) gie deciz:

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap.255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma 'the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics.' (**Viladrich**, P.J. Op.Cit., p.687)".*

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina din id-disposizzjoni tal-ligi fid-dawl tal-provi prodotti.

Illi jirrizulta mix-xhieda prodotti miz-zewg partijiet illi l-hajja familjari tal-konvenut ma kenitx wahda felici. Jidher illi huwa kellu trobbija iebsa bi tlettax-il (13) ahwa ohra li fi kliemu stess kollha kellhom ifendu ghal rashom. Ghalhekk jidher illi huwa kien nieqes minn certu affett familjari. Mix-xhieda ta' l-attrici jidher illi din it-trobbija irriflettiet hazin fuq il-karattru u l-imgieba mhux biss tal-konvenut, izda wkoll ta' huh li kellu problemi mal-gustizzja u anke kellu problema ta' droga. Fil-fatt ghandu jinghad illi l-attrici tallega illi l-konvenut kellu wkoll il-vizzju tad-droga u dan kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara meta kien spicca

mhux darba l-isptar minhabba f'*overdose*. Izda ghandu jinghad illi ghalkemm il-Qorti tqies illi x-xhieda ta' l-attrici hija iktar verosimili minn dik tal-konvenut, rigward din il-kwistjoni l-istess xhieda ta' l-attrici ma hija ikkorroborata minn l-ebda xhieda ohra. Anke il-kondotta tal-Pulizija tal-konvenut ma tirriflettiex din il-problema.

Illi jidher illi l-konvenut lanqas biss ircieva l-edukazzjoni minima rikjesta mill-ligi tant illi huwa ighid illi telaq mill-iskola meta kellu hdax-il sena biss sabiex imur jahdem. Ta' sittax-il sena telaq mid-dar tal-genituri tieghu minhabba l-problemi li kien hemm. X'kienu dawn il-problemi qatt ma johrog mix-xhieda. Zgur madankollu illi din it-tip ta' trobbija thalli effetti psikologici fuq kwalunkwe persuna li jaffettwawha fir-relazzjonijiet inter-personali illi hija ikollha matul il-hajja adulta taghha ma' terzi persuni.

Illi l-Qorti fil-fatt tqies illi l-konvenut minhabba fi tfulija u zghozija nieqsa minn kull tip ta' affezzjoni w imhabba waslet sabiex l-konvenut ma kienx kapaci jibni relazzjoni intima ma' persuna ohra, relazzjoni li tfisser bil-fors imhabba, rispett u ghaqda bhalma jirrikjedi l-kuntratt taz-zwieg. Il-Qorti f'din il-konkluzjoni minnha raggunta tinsab konfortata mix-xhieda moghtija l-aktar rigward dak li sehh wara z-zwieg. Milli jidher il-konvenut ma kienx kapaci jerfa' ir-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewwga. Flus ma kellux u lanqas kellu ambizzjonijiet f'dan ir-rigward. Mix-xhieda ta' Edwin Mallia, rapprezentant ta' l-ETC, jidher illi mill-1987 sal-1999 huwa kellu diversi tipi ta' impjiegi, liema impjiegi ma jidhirx li kienu jdumu wisq. Illum il-gurnata huwa la jahdem u lanqas biss jirregistra ghax-xoghol. Il-konvenut kien komdu ighix mill-ghajnuna li kien jghaddilhom missier l-attrici. Ftit wara z-zwieg huwa beda johrog wahdu tant illi spicca lanqas biss jaghti kas lil martu u lil bintu. Mal-minuri huwa qatt ma gharaf ikun missier responsabbli - la kien jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' l-istess u lanqas kien juri interess fit-trobbija taghha. Ftit snin wara iz-zwieg huwa beda relazzjonijiet ma' nisa ohra fosthom certu Romina Gambin li kienet tahdem ma' missier l-attrici.

Illi ghalhekk il-Qorti taqbel ma dak li qalet il-Perit Legali u b'hekk tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut ma kellux dik il-kapacita` kostituzzjonali li jaghraf jirrifletti u jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Huwa ma kellux dik il-maturita` ta' gudizzju u maturita` affettiva li hija rikjesta sabiex jidhol ghall-kuntratt taz-zwieg. Ghalih iz-zwieg kien jirrapprezenta biss dik l-istabbilta` familjari u finanzjarja li kienet nieqsa f'hajjtu mit-twelid tieghu. Ghalhekk huwa ma kellux dik id-diskrezzjoni ta' gudizzju mehtiega sabiex huwa jerfa' ir-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewwga ghaliex fiz-zwieg huwa ra l-possibbilta` illi fl-ahhar isib xi hadd li jiehu hsiebu minflok rah bhala bidu ta' hajja gdida fejn huwa jiehu hsieb lil martu u lil ulied li jitnisslu mill-istess zwieg.

Illi rigward il-kontro-talba tal-konvenut, il-Qorti hija tal-fehma li ma jirrizulta minn imkien mill-provi illi l-kunsens ta' l-attrici kien ivvizzjat fid-dawl ta' dak dispost fl-**artikolu 19(1)(d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Il-konvenut ghaldaqstant ma irnexxielux jipprova dak li ippremetta fil-kontro-talba tieghu ghaliex l-uniku prova li jressaq huwa l-affidavit tieghu, liema xhieda ma hijiex sostanzjata izda kontradetta mill-attrici u mix-xhieda prodotti minnha.

Illi l-**artikolu 19(1)(f)** jghid hekk:

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga."*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt, specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista' ighid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu "**El Nuevo derecho matrimonial canonico**" jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali:

*“Nel senso guridico ampio viene chiamato consenso l’incontro di diverse volonta in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo’ essere descritto come l’incontro della volonta’ di un uomo e di una donna in ordine alla cotituzione dello stato coniugale.”*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b’xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta’ persuna ma ikunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta’ l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma ikunx jaqbel ma’ dak li qed tahseb jew trid internament, allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

*“Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta’ di celebrarlo, mentre in realta’ nell’interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e’ necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell’interno della volonta.”* (***J.F.Castano*** *– Il sacramento del matrimonio*).

Illi l-ligi fl-**artikolu 19(1)(f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi iz-zwieg fit-totalita` tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjtihom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi il-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta’ l-ulied, jew l-eskluzjoni ta’ l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita` *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi investigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-

kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta ghaz-zwieg, izda irid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni posittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta ikollha il-volonta w ix-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' ikun illi mic-cirkostanzi kollha li isegwu tal-hajja matrimonjali ikun car illi l-kunsens matrimonjali ikun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire* ***mediante il modo di comportarsi*** *del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi.* (***O.Giacchi*** *– Il consenso matrimoniale canonico*).

Illi dan is-subartikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Marzu 2000 (Cit.Nru. 1019/98RCP) u l-Qorti qieghda taghmel ghalhekk ampja referenza ghal principji legali enunzjati fl-istess.

Illi noltre f'sentenza fl-ismijiet **"Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella"** deciza fis-27 ta' Novembru 2002 (Cit.Nru. 1822/01RCP), il-Qorti stqarret is-segwenti u dan b'referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet **"Theresa Taguri vs Avukat Christopher Cilia et. noe"**:

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perijodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

(ara ukoll **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** – P.A. (RCP) 1 ta' Frar 2001; **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg**

**Sapiano nomine”** – P.A. (RCP) 08 ta’ Novembru 2000; **“Carmen El Shimi vs Ibrahim El Shimi”** - P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000 u **“Albert Grech vs Josette Grech”** - P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002) fost ohrajn).

Illi mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta is-segwenti. Illi kif diga gie spjegat iktar ‘il fuq id-decizjoni mehuda mill-konvenut sabiex jizzewweg lill-attrici issib il-bazi taghha fit-trobbija turbolenti illi kellu. Il-konvenut kellu problemi id-dar. Ta’ sittax-il sena kien diga telaq mid-dar u mar ighix ghal rasu. Dawn il-problemi jidher fil-fatt illi baqghu jezistu anke wara iz-zwieg, tant illi jidher illi meta miet missieru huwa kien ghamel xi zmien miggieled ma’ ommu.

Illi l-konvenut stess ighid fl-affidavit tieghu illi huwa ippropona lill-attrici sabiex jizzewwgu ghaliex huwa kien qieghed isibha difficli jibqa’ ighix ghal rasu. Ighid: *“Missier Josianne kien offrielna li nghixu f’dar proprjeta tieghu u ghalhekk kelli mohhi mistrieh li is-security li nghatatli mill-familja ta’ Josianne ma kontx ser nitlifha.”*

Illi ghalhekk minn kliem il-konvenut stess jidher illi meta huwa sab l-ambjent familjari li dejjem xtaq u li qatt ma kellu, u meta ukoll sab stabbilita` finanzjarja li serrah mohhu li ma kellux ghalfejn joqghod isib ix-xoghol, bhalma kien ghamel minn mindu kellu hdax-il sena, biex ikun jista’ jaqla’ l-ghejxien ta’ kuljum, din huwa ma riedx jitlifha. Kien b’dan il-hsieb f’mohhu illi huwa iddecieda li jizzewweg lill-attrici u mhux ghaliex ried jibni xi rabta taz-zwieg maghha, tant illi meta wara z-zwieg huwa serrah mohhu illi akkwista dik l-istabbilta` li ried, beda ighix hajjtu u ma offra l-ebda appogg, ghajnuna, imhabba jew rispett lill-attrici ghaliex dak li dejjem xtaq kien kisbu.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi illi l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien totalment simulat u dan *stante* illi fil-mument tal-ghotja tal-kunsens huwa kien qieghed jeskludi z-zwieg fit-totalita` tieghu u dan ghaliex l-istess kunsens ghalih kien biss ifisser il-ksib ghalih ta’ stabbilita` familjari u finanzjarja.

Illi anke fir-rigward ta' dan il-*caput nullitatis*, il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut ma irnexxielux jipprova l-kontro-talba tieghu fil-konfront ta' l-attrici u dan peress minn imkien mill-provi u lanqas mill-affidvait tal-konvenut stess ma johrog illi l-attrici issimulat il-kunsens matrimonjali taghha.

Illi ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost, il-Qorti jidhrilha li l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat fid-dawl ta' dak dispost fl-**artikolu 19(1)(d) u (1)(f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan peress illi l-konvenut ma kellux dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjesta sabiex jidhol ghal kuntratt matrimonjali w inoltre, subordintament ghal dan huwa issimula l-istess kunsens matrimonjali.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u peress illi tirrizulta in-nullita` taz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti taht id-disposizzjoni **19(1)(d) u (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg**, il-Qorti ma hijiex ser tghaddi biex tezamina n-nullita` ta' dan iz-zwieg taht dak dispost fis-**sub inciz (1)(c)** ta' dan l-artikolu tal-Ligi. Dan apparti li l-provi prodotti ma jistghux iwasslu sabiex igibu in-nullita` taz-zwieg taht dan l-artikolu tal-ligi.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost il-Qorti hija tal-fehma illi z-zwieg illi gie iccelebrat bejn il-kontendenti fil-31 ta' Mejju 1990 huwa null u bla effett fil-ligi u dan peress illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizjat abbazi ta' dak dispost fl-**artikolu 19(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi konsegwentment il-kontro-talba tal-konvenut ghandha ukoll tigi milqugha izda mhux abbazi tal-premessi minnu sollevati sa fejn dawn imputaw xi responsabbilta` lill-attrici, izda fid-dawl tat-talba attrici.

Illi in vista tal-fatt illi l-attrici irtirat it-tieni u it-tielet talbiet taghha, il-Qorti ma hijiex sejra tghaddi biex tikkunsidra dawn it-talbiet u kwindi lanqas l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut f'dan ir-rigward.

Illi fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut in konnessjoni man-nullita` tan-notifika lilu

maghmula tac-citazzjoni attrici, jidher illi meta l-konvenut intavola l-kontro-talba tieghu huwa kien qieghed jaccetta n-notifikazzjoni lilu maghmula tal-kawza *stante* illi huwa hass li seta' juza' l-istess proceduri sabiex jintavola l-kontro-talba tieghu ghall-istess. Inoltre fil-mori tal-proceduri, huwa qatt ma ressaq provi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni u ghalhekk il-Qorti bhal Perit Legali tifhem illi huwa mhuwiex qieghed jinsisti fuq l-istess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) u t-tielet (3) talba attrici *stante* c-cessjoni taghhom, **tilqa' l-ewwel talba attrici** b'dan illi:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-31 ta' Mejju 1990 huwa null u bla effett skond il-Ligi, b'mod partikolari a tenur tas-**sub-incizi (d) u (f) tas-sub-artikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta)** u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Illi fir-rigward tal-kontro-talba, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-attrici inkwantu n-nullita` taz-zwieg mitluba kienet attribwibbli minhabba nuqqasijiet *da parti* tal-konvenut, kif deciz abbazi tac-citazzjoni attrici, **tilqa' l-kontro-talba tal-konvenut** biss fis-sens li tali nullita` taz-zwieg kienet lilu mputabbli b'dan illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-31 ta' Mejju 1990 huwa null u bla effett skond il-Ligi, *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Bl-ispejjez kollha tal-istess kontro-talba a karigu tal-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------